Nru. 17,636
Prezz Lm1.28ċ
Price Lm1.28c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 6 ta' Awissu, 2004
Friday, 6th August, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 877**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. VIII ta' l-2004 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 li jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati; u

Att Nru. IX ta' l-2004 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Is-6 ta' Awissu, 2004

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 877**

**PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. VIII of 2004 entitled the Refugees (Amendment) Act, 2004; and

Act No. IX of 2004 entitled the Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2004.

6th August, 2004

**Nru. 878**

**ĦATRA TA' AĠENT KAP KUMMISSJUNARJU ELETTORALI**

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 878**

**APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER**

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | UFFIĊĊJU<br>*OFFICE* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr George Saliba | Aġent Kummissjunarju<br>*Electoral Commissioner* | Uffiċċju Elettorali<br>*Electoral Office* | 29.7.2004 – 6.8.2004<br>and 11 – 13.8.2004 |

Is-6 ta' Awissu, 2004

6th August, 2004

**Nru. 879**

**ID-DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

DOTT. Ray Busuttil, Direttur Ġenerali Saħħa, reġa' daħal għal dmirijietu fis-26 ta' Lulju, 2004, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 768 ta' l-14 ta' Lulju, 2004, huma b'din imħassrin.

Is-6 ta' Awissu, 2004

**No. 879**

**RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (HEALTH)**

DR Ray Busuttil, Director General Health, resumed duties on the 26th July, 2004, and the arrangements referred to in Government Notice No. 768 of the 14th July 2004 are hereby cancelled.

6th August, 2004

**Nru. 880**

**AKKWIST TA' ART**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 801 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,631 tat-23 ta' Lulju, 2004, id-deskrizzjoni ta' l-art fil-verżjoni bl-Ingliż kellha tkun f'Birkirkara u mhux fin-Naxxar.

Is-6 ta' Awissu, 2004

**No. 880**

**ACQUISITION OF LAND**

WITH reference to Government Notice No. 801 published in Government Gazette No. 17,631 of the 23rd July, 2004, the description of land in the English version should have been at Birkirkara and not at Naxxar.

6th August, 2004

**Nru. 881**

**ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)**

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

| Nru. tal-*Condominium*<br>*Condominium Number* | Indirizz tal-*Condominium*<br>*Address of Condominium* | Rimarki<br>*Remarks* | Data tar-Reġistrazzjoni<br>*Date of Registration* |
|---|---|---|---|
| 37 | Benney Apartments<br>Hughes Hallet Street<br>Sliema | Reġistrazzjoni tar-regolamenti/<br>*Registration of Rules* | 31/05/2004 |

Dott. Stephanie Pappalardo
*Reġistratur ta' l-Artijiet*

Is-6 ta' Awissu, 2004

**No. 881**

**CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)**

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
*Land Registrar*

6th August, 2004

**Nru. 882**

**ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI**

**Elezzjoni ta' Sindki u Viċi-Sindki**

NGĦARRFU b'din illi skond ir-Regolament 8 tas-Seba' Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il-Kunsillieri li ġejjin ġew eletti fil-funzjonijiet ta' Sindki u Viċi-Sindki tal-Lokalitajiet rispettivi fid-dati msemmija:–

**No. 882**

**LOCAL COUNCILS ACT 1993**

**Election of Mayors and Deputy Mayors**

IT is hereby notified that in terms of Regulation 8 of the Seventh Schedule to the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the following Councillors have been elected as Mayors and Deputy Mayors of the respective Localities on the dates mentioned:–

| Lokalità<br>*Locality* | Sindku<br>*Mayor* | Data ta' l-Elezzjoni<br>*Date of Election* | Viċi Sindku<br>*Deputy Mayor* | Data ta' l-Elezzjoni<br>*Date of Election* |
|---|---|---|---|---|
| Birgu | John Boxall | 06.7.2004 | Emmanuel Attard | 06.7.2004 |
| Qormi | Jesmond Aquilina | 06.7.2004 | Kenneth Busuttil | 06.7.2004 |
| Siġġiewi | Robert Musumeci | 06.7.2004 | Norbert Farrugia | 06.7.2004 |
| Attard | Norbert Pace | 01.7.2004 | Remigio Bartolo | 01.7.2004 |
| Birżebbuġa | Joseph Farrugia | 03.7.2004 | Joseph Baldacchino | 03.7.2004 |
| Floriana | John Mary Brincat | 09.7.2004 | Publio Agius | 16.7.2004 |
| Gżira | Anthony Abela | 22.7.2004 | | |
| Għargħur | Mario Gauci | 01.7.2004 | Mark Azzopardi | 01.7.2004 |
| Ħamrun | Luciano Busuttil | 07.7.2004 | Vincent Bonello | 07.7.2004 |
| Kerċem | Joseph Grima | 02.7.2004 | Mario Azzopardi | 02.7.2004 |
| Luqa | John Schembri | 01.7.2004 | Joseph Paul Piscopo | 01.7.2004 |
| Marsaxlokk | Edric Micallef | 01.7.2004 | Remigio Cassar | 01.7.2004 |
| Mosta | Joseph P. DeMartino | 05.7.2004 | John Mary Camilleri | 05.7.2004 |
| Munxar | Joseph Sultana | 01.7.2004 | Mark Bajada | 01.7.2004 |
| Paola | Raymond Attard | 06.7.2004 | Stefan Zahra | 06.7.2004 |
| Qala | Paul Buttigieg | 01.7.2004 | Victor Grech | 01.7.2004 |
| Safi | Peter Paul Busuttil | 01.7.2004 | Alexis Callus | 01.7.2004 |
| San Lawrenz | Noel Formosa | 01.7.2004 | Anthony Formosa | 01.7.2004 |
| Santa Luċija | Frederick Cutajar | 01.7.2004 | Joseph Balzan | 01.7.2004 |
| Swieqi | Alfred Curmi | 05.7.2004 | Anthony Barbaro Sant | 05.7.2004 |
| Xagħra | Joseph Spiteri | 08.7.2004 | Carmelo Refalo | 15.7.2004 |
| Żebbuġ (G) | Carmelo Saliba | 06.7.2004 | Joseph Bajada | 06.7.2004 |

**Nru. 883**

**TISMIJA TA' TOROQ F'GĦAWDEX**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

**No. 883**

**NAMING OF STREETS IN GOZO**

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

| | |
|---|---|
| **GĦARB** | |
| Dik il-wesgħa fi Triq l-Isqof Mikiel Molina tissemma..... | WESGĦA PRAGA |
| **KERĊEM** | |
| Dak l-ispazju quddiem l-iskola tal-Gvern fi Triq Sarġ li jwassal sa fejn Triq il-Ġojjin u Triq Wenzu Mintoff jiltaqgħu flimkien jissemma ..... | PJAZZA ORVIETO (BELT TEWMIJA - 2003) |
| **KERĊEM - Santa Luċija** | |
| Dik it-triq li tibda minn Triq Għajn Għabdun u tibqa' sejra fl-għelieqi magħrufa bħala Ta' Lonz tissemma..... | TRIQ TA' LONZ |
| **RABAT (CITTÀ VITTORIA)** | |
| Dik it-triq li tibda minn Triq Ta' Wara s-Sur u tibqa' sejra fl-għelieqi, fiż-żona magħrufa bħala Tal-Ħofra tissemma..... | TRIQ TAL-MADLIENA |
| **XEWKIJA** | |
| Triq ġdida fi Triq Sannat tissemma ..... | TRIQ ĠNIEN IS-SULTAN |

Is-6 ta' Awissu, 2004

6th August, 2004

**Nru. 884**

**TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

**No. 884**

**NAMING OF STREETS IN MALTA**

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

| | |
|---|---|
| **IKLIN** | |
| Sqaq ġo triq il-Għargħur 'il fuq minn Sqaq Garda jissemma ..... | TRIQ IL-GĦARGĦUR, SQAQ NRU. 1 |
| Sqaq ġo triq il-Għargħur 'il fuq minn Triq il-Għargħur, Sqaq Nru. 1, (imsemmi hawn) jissemma..... | TRIQ IL-GĦARGĦUR, SQAQ NRU. 2 |

Is-6 ta' Awissu, 2004

6th August, 2004

**Nru. 885**

**ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI**

**Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356)**

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li l-ħajt tas-sejjieħ li ġej, jiġifieri:-

Fil-limiti ta' 'Triq Giuseppe Calì'
Ħal Lija

(ara l-pjanta f'paġna 9062) hu ta' valur storiku, arkitettoniku u ta' valur fil-kuntest li jinsab fih, hekk li għandu jiġi inkluż fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-ħajt imsemmi jinsab fil-periklu li jiġrilu ħsara, jinbidel, jitwaqqa' jew jinqered għal kollox.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward ta' dan il-ħajt imsemmi hawn fuq, skond Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-ħajt għandu jitqies bħala propjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku, arkitettoniku u għall-kuntest li jinsab fih.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, tneħħija ta' ġebel jew alterazzjonijiet oħra ma jistgħu jsiru fl-ebda parti tal-ħajt imsemmi. L-ebda irdim jew ċaqliq ta' materjal m'għandu jsir mal-ħajt imsemmi.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra li jistgħu jsiru maġenb il-ħajt imsemmi hawn fuq, għandu jkollhom permess validu maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'konsultazzjoni mas-Sovraintendenza għall-Wirt Kulturali.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà jiġrilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra f'Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-6 ta' Awissu, 2004

**No. 885**

**EMERGENCY CONSERVATION ORDER**

**Section 47 of the Development Planning Act, (Cap. 356)**

THE Malta Environment and Planning Authority believes that the following wall, namely:-

In the limits of 'Triq Giuseppe Calì'
Lija

(see site plan on page 9062) is of historical, architectural and contextual value such that it should be listed as a Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act.

The Authority also believes that the wall is in danger of being damaged, altered, demolished or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above wall in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) The wall is to be considered as a Grade 2 scheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its historical, architectural and contextual value.


(ii) The destruction, damage, development, removal of stones or other alterations to the wall are prohibited. Dumping or movement of material next to the wall is also prohibited.

(iii) All developments, alterations or interventions next to this wall, which might be permissible, must be approved in advance by the Malta Environment and Planning Authority in consultation with the Superintendence of Cultural Heritage.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is damaged, altered, demolished or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

6th August, 2004


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E50122, N75960
Max E50308, N73127
Title :-
Emergency Conservation Order Rubble Wall, Lija
Ref No. :- GF 0028/04
Site at Triq Giuseppe Calì, Lija
Form No. :- MU004
N
TRIQ IL-KBIRA
0
0.03
0.06
km

**Nru. 886**

**ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ**
**(KAP. 441)**

**Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ**

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika dan il-ħanut tal-merċa li jinsab fir-Rabat Għawdex, li jista' jiftaħ fil-Ħdud u l-festi pubbliċi matul ix-xahar ta' Mejju 2004. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

CD/3218/2004 Pt 8 Crai Tiġrija Palazz

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 762 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Lulju 2004.

Is-6 ta' Awissu, 2004

**No. 886**

**TRADING LICENCES ACT**
**(CAP. 441)**

**Trading Licences Regulations 2002**

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following grocer located at Rabat Gozo, which is to open during Sundays and other public holidays for the month of May 2004. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above mentioned regulations.

Triq ir-Repubblika, Rabat

This Government Notice supersedes Government Notice No. 762 published in the Government Gazette of the 13th July 2004.

6th August, 2004

**Nru. 887**

**ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)**
**(KAPITLU 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 30. 07. 04 | Lm4.45c5 | 8c3 |
| 02. 08. 04 | Lm4.48c7 | 8c6 |
| 03. 08. 04 | Lm4.51c0 | 8c7 |
| 04. 08. 04 | Lm4.53c5 | 8c7 |
| 05. 08. 04 | Lm4.49c3 | 8c7 |

Is-6 ta' Awissu, 2004

**No. 887**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE**

**(CHAPTER 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

6th August, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 75**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu, jieqfu u/jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ir-Rabat, Għawdex**

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' Awissu, 2004 minn Pjazza tal-Katidral.

Nhar it-Tlieta, l-10 ta' Awissu, 2004 mis-7.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Mgr Luigi Vella, Sant'Ursola, Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Kastell, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Sir Adrian Dingli u r-Repubblika.

Nhar l-Erbgħa, il-11 ta' Awissu, 2004 mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kapuċċini, Sir Luigi Camilleri, Maestro A. Lanzon, Patri M. Magri u parti ta' isfel ta' ir-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, it-12 ta' Awissu, 2004 mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika u Pjazza Savina.

Nhar il-Ħamis, it-12 ta' Awissu, 2004 mid-9.00 p.m. sa nofsilljel mit-toroq li ġejjin: Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Mons Luigi Vella, Gedrin, Sant'Ursola, ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Awissu, 2004 mid-9.00 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma u r-Repubblika.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Awissu, 2004 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza u r-Repubblika.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Awissu, 2004 mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt u Pjazza tal-Katidral.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Awissu, 2004 mit-8.15 p.m. sad-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza u r-Repubblika.

POLICE NOTICE

**No. 75**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit, stopping and/or parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Victoria, Gozo**

On Sunday, 8th August, 2004 through Pjazza tal-Katidral.

On Tuesday, 10th August, 2004 at 7.00 a.m. through the following streets: Mgr Luigi Vella, Sant'Ursola, Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Kastell, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Sir Adrian Dingli and ir-Repubblika.

On Wednesday, 11th August, 2004 from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Kapuċċini, Sir Luigi Camilleri, Maestro A. Lanzon, Patri M. Magri and lower part of ir-Repubblika.

On Thursday, 12th August, 2004, from 6.00 p.m. to 7.00 p.m. through the following streets: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika and Pjazza Savina.

On Thursday, 12th August, 2004, from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Mons Luigi Vella, Gedrin, Sant'Ursola, ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

On Friday, 13th August, 2004, from 9.00 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma and ir-Repubblika.

On Saturday, 14th August, 2004, from 10.00 a.m. to noon through the following streets: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza and ir-Repubblika.

On Saturday, 14th August, 2004, from 5.00 p.m. to 7.00 p.m. through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt and Pjazza tal-Katidral.

On Saturday, 14th August, 2004, from 8.15 p.m. to 9.30 p.m. through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza and ir-Repubblika.

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Awissu, 2004 mid-9.30 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, A. Dingli u Pjazza Savina.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 mill-11.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, l-Arċipriet A. M. Hili, il-Karità, Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp u Sir M. A. Refalo.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 mis-2.00 p.m. sas-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika u Pjazza Savina.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 mis-6.00 p.m.'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, A. Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, Arch. S. Cassar, ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

**Iż-Żebbuġ, Għawdex**

Nhar l-Erbgħa, il-11 ta' Awissu, 2004 mis-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Pjazza l-Assunta, Għajn Mhelhel, l-Għażżiela u l-Madonna taċ-Ċiċri.

Nhar it-Tnejn, is-16 ta' Awissu, 2004 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Barda, il-Qbajjar u l-Marina.

Nhar it-Tlieta, is-17 ta' Awissu, l-Erbgħa, it-18 ta' Awissu u l-Ħamis, id-19 ta' Awissu, 2004 mis-6.30 p.m. minn Pjazza l-Assunta.

Nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Awissu, 2004 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-Assunta, is-Sellun, il-Lampuka, il-Mitħna, Mons De Piro, Sant' Andrija, Goma u l-Knisja.

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Awissu, 2004 mis-1.00 p.m. minn Triq iż-Żebbuġ.

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Awissu, 2004 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-Assunta, Pjazza Qalb ta' Ġesu', Dun Franġisk, il-Knisja, Għajn Mhelhel, Zaki u l-Madonna taċ-Ċiċri.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Awissu, 2004 mill-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Għajn Mhelhel, il-Madonna taċ-

On Saturday, 14th August, 2004, from 9.30 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, A. Dingli and Pjazza Savina.

On Sunday, 15th August, 2004, from 11.00 a.m. to 2.00 p.m. through the following streets: Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, l-Arċipriet A. M. Hili, il-Karità, Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp and Sir M. A. Refalo.

On Sunday, 15th August, 2004, from 2.00 p.m. to 6.00 p.m. through the following streets: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika and Pjazza Savina.

On Sunday, 15th August, 2004, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, A. Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, Arch. S. Cassar, ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

**Żebbuġ, Gozo**

On Wednesday, 11th August, 2004 from 6.30 p.m. through the following streets: il-Knisja, Pjazza l-Assunta, Għajn Mhelhel, l-Għażżiela and il-Madonna taċ-Ċiċri.

On Monday, 16th August, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Ta' Barda, il-Qbajjar and il-Marina.

On Tuesday, 17th August, Wednesday, 18th August and Thursday, 19th August, 2004 from 6.30 p.m. through Pjazza l-Assunta.

On Friday, 20th August, 2004 from 8.00 p.m. through the following streets: Pjazza l-Assunta, is-Sellun, il-Lampuka, il-Mitħna, Mons De Piro, Sant' Andrija, Goma and il-Knisja.

On Saturday, 21st August, 2004 from 1.00 pm. through Triq iż-Żebbuġ.

On Saturday, 21st August, 2004 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza l-Assunta, Pjazza Qalb ta' Ġesu', Dun Franġisk, il-Knisja, Għajn Mhelhel, Zaki and il-Madonna taċ-Ċiċri.

On Sunday, 22nd August, 2004 from 11.00 a.m. through the following streets: il-Knisja, Għajn Mhelhel, il-Madonna

Ċicri u Pjazza l-Assunta.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Awissu, 2004 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Pjazza l-Assunta, Dun F. Vella, Għajn Mhelhel, l-Għażżiela, il-Madonna taċ-Ċiċri u Zaki.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm, jiġu rmunkati.

**Għajnsielem, Għawdex**

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 bejn is-2.00 p.m. u nofsillejl minn Triq l-Imġarr.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 bejn is-2.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt, Sant' Antnin u l-Ħamri.

Triq Sant' Antnin sa Triq Ħamri se tinbidel għal sistema ta' traffiku *one-way*.

Huwa pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

**Tas-Sliema/San Ġiljan**

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awissu, 2004 l-ebda vettura ma tiħalla tipparkja fi Triq Reġjonali.

Is-6 ta' Awissu, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 76**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bejn is-27 ta' Awissu u t-30 ta' Awissu 2004, bis-setgħat moħtija mis-sezzjoni 52(1) ta' l-Ordinanza Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala żoni ta' rmonk jew ikklampjar, kif indikat:

**Ħal Għargħur**

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Awissu 2004 bejn il-5.00 p.m. u 2.00 a.m. fi Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Awissu 2004 bejn il-5.00 p.m. u 2.00 a.m. fi Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Awissu 2004 bejn it-8.00 a.m. u nofsillejl fi Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

taċ-Ċicri and Pjazza l-Assunta.

On Sunday, 22nd August, 2004 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Pjazza l-Assunta, Dun F. Vella, Għajn Mhelhel, l-Għażżiela, il-Madonna taċ-Ċiċri and Zaki.

The parking of vehicles along the above streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

**Għajnsielem, Gozo**

On Sunday, 15th August, 2004 between 2.00 p.m. and midnight through Triq l-Imġarr.

On Sunday, 15th August, 2004 between 2.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: ix-Xatt, Sant' Antnin and il-Ħamri.

Triq Sant' Antnin up till Triq Ħamri will be diverted to one way system.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

**Sliema/St. Julian's**

On Sunday, 15th August, 2004 no motor vehicles are to be allowed to park along Triq Reġjonali.

6th August, 2004

POLICE NOTICE

**Nru. 76**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of section 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zone or Clamping areas as indicated between the 27th August and the 30th August 2004.

**Għargħur**

On Friday, 27th August 2004 between 5.00 p.m. and 2.00 a.m. at Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

On Saturday, 28th August 2004 between 5.00 p.m. and 2.00 a.m. at Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 29th August 2004 between 8.00 a.m. and midnight at Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

Nhar it-Tnejn, it-30 ta' Awissu 2004 bejn nofsillejl u t-3.00 a.m. fi Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Awissu 2004, mit-8.00 a.m. 'il quddiem it-toroq li ġejjin se jkunu żoni ta' rmonk: Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann, San Bartilmew u Santa Katarina.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf ukoll li mhux permess li vetturi jieqfu jew jipparkjaw f'dawn it-toroq imsemmija u f'dal-każ, l-istess vetturi jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Awissu, 2004

On Monday, 30th August 2004 between midnight and 3.00 a.m. at Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 29th August 2004, from 8.00 a.m. onwards the following streets will be classified as tow zones: Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann, San Bartilmew and Santa Katarina.

The Commissioner of Police also notifies that no vehicles are allowed to stop or park in the mentioned streets and in this case vehicles will be towed.

6th August, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 77**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħad-Dingli**

Nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Awissu, 2004 bejn is-7.00 p.m. u 11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ G. Abela, Għar Bettija, ix-Xefaq, Lemħet Filfla, G. Ebejer, Dun X. Cortis, Misraħ Suffara, San Pawl tal-Pitkali, Ellul Mercer, Ċensa Spiteri, Misraħ F. Abela, il-Kunċizzjoni, il-Kbira u l-Parroċċa.

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Awissu, 2004 bejn is-6.00 p.m. u s-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Buskett, il-Kbira, Santu Rokku, Misraħ G. Abela, il-Parroċċa u l-Madalena.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Awissu, 2004 bejn id-9.00 a.m. u s-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, l-Irdum, Għar Bettija, Miraħ G. Abela, il-Knisja, San Pawl, S. Azzopardi, G. Ellul Mercer, l-Għajn, Santa Marija, Santa Domenika u l-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Awissu, 2004 bejn il-5.00 p.m. u 11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Rokku, il-Kbira, il-Parroċċa, Misraħ F. Abela, C. Spiteri, G. Ellul Mercer, Pawlu Ebejer u Misraħ il-Mafkar.

Il-vetturi li jiksru dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Awissu, 2004

POLICE NOTICE

**No. 77**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Dingli**

On Friday, 20th August, 2004 between 7.00 p.m. and 11.45 p.m. through the following streets: Misraħ G. Abela, Għar Bettija, ix-Xefaq, Lemħet Filfla, G. Ebejer, Dun X. Cortis, Misraħ Suffara, San Pawl tal-Pitkali, Ellul Mercer, Ċensa Spiteri, Misraħ F. Abela, il-Kunċizzjoni, il-Kbira and il-Parroċċa.

On Saturday, 21st August, 2004 between 6.00 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: il-Buskett, il-Kbira, Santu Rokku, Misraħ G. Abela, il-Parroċċa and il-Madalena.

On Sunday, 22nd August, 2004 between 9.00 a.m. and 2.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, l-Irdum, Għar Bettija, Miraħ G. Abela, il-Knisja, San Pawl, S. Azzopardi, G. Ellul Mercer, l-Għajn, Santa Marija, Santa Domenika and il-Parroċċa.

On Sunday, 22nd August, 2004 between 5.00 p.m. and 11.45 p.m. through the following streets: Santu Rokku, il-Kbira, il-Parroċċa, Misraħ F. Abela, C. Spiteri, G. Ellul Mercer, Pawlu Ebejer and Misraħ il-Mafkar.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

6th August, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 52 ta' l-2004**

*Estensjoni tax-Xatt ta' Sant' Anġlu fil-Port il-Kbir - Valletta*

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 43 ta' l-2004 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu illi x-xogħlijiet issa ġew estiżi għall-kumplament tal-moll fuq il-Lvant ta' l-inħawi msemmija fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 43 ta' l-2004.

Braken għax-xogħol irmiġġati ħdejn il-moll għandhom żewġ ankri ta' l-irmiġġ lejn il-baħar u *wire ropes*.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jbaħħru fl-inħawi għandhom joqogħdu attenti ħafna u jikkordinaw mal-kunrattur jew Suprintendent tax-Xatt. Mgħandhomx jankraw ġewwa distanza ta' 100 metru mill-Moll ta' Sant' Anġlu.

Is-6 ta' Awissu, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

**Notice to Mariners No. 52 of 2004**

*Extension of St Angelo Wharf in Grand Harbour – Valletta*

With reference to Notice to Mariners No. 43 of 2004 of the Malta Maritime Authority, it is notified that the works are now extended to the rest of the quay east of the area mentioned in Notice to Mariners No 43 of 2004.

Work barges moored next to the quay have two seaward mooring anchors and wire ropes.

In view of the above, mariners navigating in the area are to use extreme caution and co-ordinate with the contractor or Marina Superintendent. They are not to drop anchor inside a distance of 100m from St Angelo Quay.

6th August, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 53 ta' l-2004**

*Avveniment ta' Għawm*
*San Pawl il-Baħar – Il-Bajja ta' Marsalforn*

Għawwiem Taljan se jgħum mill-Bajja ta' San Pawl il-Baħar sal-Bajja ta' Marsalforn f'Għawdex.

Dan l-avveniment se jsir fil-15 ta' Awissu, 2004. Se jibda fis-6.00 a.m. mill-Gżejjer ta' San Pawl u jispiċċa qrib il-11.30 a.m. fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex.

L-għawwiem se jkun akkumpanjat b'dgħajsa "Bellina", Off Nru. 8427.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jbaħħru bejn il-Gżejjer ta' San Pawl u l-Bajja ta' Marsalforn fil-15 ta' Awissu, 2004 bejn is-6.00 a.m. u l-11.30 a.m. għandhom joqogħdu attenti ħafna għall-għawwiem u d-dgħajsa li tkun miegħu u jżommu 'l bogħod minnhom.

Chart affettwata: BA 194.

Is-6 ta' Awissu, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

**Notice to Mariners No. 53 of 2004**

*Swimming Event*
*St. Paul's Bay – Marsalforn Bay*

An Italian swimmer is going to swim from St Paul's Bay to Marsalforn Bay in Gozo.

This event will be held on 15 August, 2004. It will commence at 6.00 a.m. from St Paul's Islands and finish at approximately 11.30 a.m. at Marsalforn Bay, Gozo.

The swimmer will be accompanied by the boat "Bellina", Off No. 8427.

In view of the above, mariners navigating between St. Paul's Islands and Marsalforn Bay on the 15th August 2004, between 6.00 a.m. and 11.30 a.m. are to keep a sharp lookout for the swimmer and support boat and give them a wide berth.

Chart Affected: BA 194

6th August, 2004

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' ĦOBŻ TAL-MALTI

(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)

**Ordni Nru. 2**

Id-Direttur Ġenerali (Kummerċ) jgħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom ħobż tal-Malti jista' jinbiegħ, b'seħħ mit-3 ta' Awissu, 2004, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:–

| | |
|---|---|
| Ħobż li jiżen 600 gramma (10% 'il fuq jew 'l isfel)<br>*Loaves weighing 600 grams (plus or minus 10%)* | 17c0 kull ħobża<br>*17c0 per loaf* |
| Ħobż li jiżen 300 gramma (10% 'il fuq jew 'l isfel)<br>*Loaves weighing 300 grams (plus or minus 10%)* | 11c0 kull ħobża<br>*11c0 per loaf* |

Ordni Nru. 4 tas-27 ta' Awissu, 2002 hija b'dan imħassar.

Is-6 ta' Awissu, 2004

## MAXIMUM PRICES OF MALTESE TYPE BREAD

(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)

**Order No. 2**

The Director General (Commerce) notifies that the maximum prices at which Maltese type bread may be sold, with effect from the 3rd August, 2004, shall, until further Order, be as follows:–

Order No. 4 of the 27th August, 2002 is hereby repealed.

6th August, 2004

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' DQIQ MHUX ITTRATTAT

(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)

**Ordni Nru. 3**

Id-Direttur Ġenerali (Kummerċ) jgħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom id-dqiq mhux ittrattat jista' jinbiegħ, b'seħħ mit-3 ta' Awissu, 2004, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:–

| | |
|---|---|
| Kull xkora ta' 50kg mill-mitħna<br>*Per bag of 50kg ex-mill* | Lm5.12c0<br>*Lm5.12c0* |
| Kull xkora ta' 50kg konsenjat lil furnara u manifatturi ta' l-għaġin<br>*Per bag of 50kg delivered to bakers and manufacturers of pasta* | Lm5.35c0<br>*Lm5.35c0* |
| Kull xkora ta' 50kg konsenjat lil bejjiegħa bl-imnut u dulċiera<br>*Per bag of 50kg delivered to retailers and confectioners* | Lm5.48c0<br>*Lm5.48c0* |

L-Ordni Numru 5 tas-27 ta' Awissu, 2002, huwa b'dan imħassar.

Is-6 ta' Awissu, 2004

## MAXIMUM PRICES OF UNTREATED FLOUR

(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)

**Order No. 3**

The Director General (Commerce) notifies that the maximum price at which untreated flour may be sold, with effect from the 3rd August, 2004, shall, until further Order, be as follows:–

Order Number 5 of 27th August, 2002 is hereby repealed.

6th August, 2004

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' DQIQ ITTRATTAT

(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)

**Ordni Nru. 4**

Id-Direttur Ġenerali (Kummerċ) jgħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom id-dqiq ittrattat jista' jinbiegħ, b'seħħ mit-3 ta' Awissu, 2004, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:–

| | |
|---|---|
| Kull xkora ta' 50kg mill-mitħna<br>*Per bag of 50kg ex-mill* | Lm5.51c1<br>*Lm5.51c1* |
| Kull xkora ta' 50kg konsenjat lil furnara u manifatturi ta' l-għaġin<br>*Per bag of 50kg delivered to bakers and manufacturers of pasta* | Lm5.74c1<br>*Lm5.74c1* |
| Kull xkora ta' 50kg konsenjat lil bejjiegħa bl-imnut u dulċiera<br>*Per bag of 50kg delivered to retailers and confectioners* | Lm5.87c1<br>*Lm5.87c1* |

L-Ordni Numru 6 tas-27 ta' Awissu, 2002, huwa b'dan imħassar.

Is-6 ta' Awissu, 2004

## MAXIMUM PRICES OF TREATED FLOUR

(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)

**Order No. 4**

The Director General (Commerce) notifies that the maximum price at which treated flour may be sold, with effect from the 3rd August, 2004, shall, until further Order, be as follows:–

Order Number 6 of 27th August, 2002 is hereby repealed.

6th August, 2004

## DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

**Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali**

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dan iċ-Ċentru:

*French Resource Centre, Junior College Campus,* l-Imsida

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.81,8 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess Skrivan *Part-Time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. (a) Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u t-30 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames u sitt

## EDUCATION DIVISION

**Engagement of Part-Time Clerks in State Schools**

The Director General Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a Part-time basis to perform duties at the following Centre:

French Resource Centre, Junior College Campus, Msida

2. Remuneration will be at a rate of Lm1.81,8 for every hour worked. Part-time Clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the Part-Time Clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. (a) Selected candidates will be expected to work between 20 and 30 hours a week, normally between five and

sigħat kull ġurnata, skond l-esiġenzi tal-*French Resource Centre*.

(b) Id-doveri ta' skrivan *part-time* fil-*French Resource Centre* jinkludu:

*stock-taking* regolari tal-librerija tal-*multi-media;*
*record* dettaljat tal-kotba mislufa jew miġjuba lura;
preparazzjoni ta' rapporti;
*recording* ta' materjal awdjo-viżiv;
idawwru viżitaturi mal-librerija taċ-Ċentru;
aġġornar tan-*notice-boards;*
*typing* ta' karti ta' l-eżami;
ċirkolazzjoni tal-fuljett *Resource Centre;*
sorveljanza ta' ndafa u manutenzjoni taċ-Ċentru
xogħol ieħor ta' segretarja u librar.

5. L-Iskrivani *Part-Time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut fis-Sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *Part-Time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża, fil-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra; u jkollhom ċertifikat tal-Matsec jew ekwivalenti li juri *pass* fil-livell avvanzat fil-Lingwa Franċiża;

JEW

(ii) jipprovdu xhieda li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan u jkollhom ċ ertifikat tal-Matsec jew ekwivalenti li juri *pass* fil-livell avvanzat fil-Lingwa Franċiża;

d) ikunu jafu jikkomunikaw tajjeb bil-lingwa Franċiża, sew miktuba kif ukoll mitkellma.

(e) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 u 7 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb tal-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat

six hours a day, according to the exigencies of the French Resource Centre.

(b) The duties of a part-time clerk at the French Resource Centre would include:

stock-taking of multi-media library;
keeping record of books borrowed and returned;
preparation of reports;
recording of audio and visual material;
showing visitors round the library;
regular upkeep of notice-boards;
typing of French examination papers;
circulation of Resource Centres;
supervision of cleanliness and maintenance of the Centre;
other duties of secretary and librarian.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:

a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language, Mathematics and and any other two subjects; and be in possession of Matsec certificate or equivalent showing pass at advanced level in French Language;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Government not below the grade of Clerk and be in possession of Matsec certificate or equivalent showing pass at advanced level in French Language;

d) be fluent in both spoken and written French;

(e) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 and 7 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to

li jkunu jafu kif meħtieġ f'dan il-qasam.

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

ġ) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. (Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbli i kkonċernati).

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li għandhom għarfien tajjeb tal-*computer* jew jiġu kkonfermati li għandhom l-*passes* f'*Modules* 2,3,4 u 7 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 e(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adattati għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Il-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqax validu wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess Ċentru timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet iffissata wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta jistgħu jinkisbu mill-*Customer Care Unit,* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, u jintlaqgħu fl-istess *Customer Care Unit,* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew fl-Uffi-ċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-27 ta' Awissu, 204.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax/telex* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili, jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal fiċ-Ċentru sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-*Customer Care Unit,* fid-Diviżjoni ta' l-

establish their knowledge in this area.

f) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

g) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities).

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

